# TIFKIRIET TA’ WENZU U MARI

1

Wenzu kien delettant kbir taz-zwiemel. Fil-garaxx fejn kien jghaddi iz-zmien liberu tieghu kellu l-hitan mimlija zwiemel mill-isbah. Ta kull nhar ta' Hadd kien imur fit-Triq l-Ahhar Hbit tat-Torok li tiehdok ghaz-Zejtun u hemm joqghod jammira z-zwiemel ta' xi erba' delettanti ohra, isuquhom f'dik it-triq twila u dritta. Xi kultant mawra fil-Marsa biex jara t-tigrijiet taz-zwiemel ma kienitx tonqos. Dejjem kien johlom li xi darba jkollu ziemel, imma biex trabbi u tiehu hsiebu kont trid hafna flus.

Kien wiret gmielu minghand zijuh u haseb biex il-holma tieghu jaghmilha realta'. Tkellem ma' martu Mari' fuq din il-haga. Ma kienitx entuzjasta dwar dan u qaltlu: "Issa fejn tridna nzommuh, bhima goffa bhal dik?"

"Ghaldaqs hekk? Dik mhux problema. Nibnilu stalla komda ma' gemb il-garaxx fil-ghalqa taghna wara d-dar."



Wara hafna diffulktajiet minn naha taghha u soluzzjonijiet minn naha tieghu, Mari' cediet.

Huwa xtara ferh ta' ziemel ghax ried li l-annimal jikber ghandu u jidra' l-ambjent sa minn ckunitu. Semmieh Docli. U tghidx kemm kien jiehu hsiebu. Li kieku z-ziemel kellu jlissen xi kliem, l-ewwel ma kien jghid li sidu kien jittrattah qisu xi re. Ghamillu kappa bl'isem tieghu Docli irrakmata fuqha. Meta l-kappillan habbar li f'nhar il-festa ta' San Anton Abbatti kien ser ibierek l-annimali, Wenzu libbsu l-mantell u erhielha lejn il-pjazza. Kemm hassu kburi li ghajnejn kull min kien prezenti fil-pjazza beda' jhares lejh u lejn il-bhima

tieghu. Spiccat ic-ceremonja u Wenzu rritorna lejn daru. Meta l-ghada mar biex jitma' liz-ziemel, rah mitluq u imghaxxex. "Zgur xi ghajn hazina, ghajnituli."

Baghat ghal veterenarju u dan tah xi medicina li kellu jhallathielu ma' l-ilma u jisqijielhu. "Ara ebda nwkiet," qallu, " f'jumejn jerga' jigi f'tieghu."  U meta telaq Wenzu halef li ma johrog aktar iz-ziemel jekk ma ghonqu ma jkollux mdendel qarn.

2

"Imma kif qatt ma tiddejjaq iddur ma' dak iz-ziemel, Wenz?" staqsietu jum wiehed martu Mari'.

"Inti tiddejjaq tintasab quddiem it-televizzjoni u hlief tele novelli u rumanzi ma tarax?" kien pront wegibha Wenzu.

"Imma dejjem differenti jkunu l-istejjer. Inti hlief ziemel quddiemek ma tarax."

"Stejjer differenti li jduru dejjem madwar l-istess idea u suggetti: dak ihobb lil dik, l-ohra nfidila lejn zewgha, l-iehor irid id-divorjzu u nieqaf hawn ghax il-litanija hija twila. "



U kienu jibqghu sejrin bil-botta u risposta li kieku Mari' ma mlietx halqha bl-ilma u qalbet is-suggett.

Halliet ftit mumenti jghaddu biex l-argumenti jibidru u dawret is-suggett. "Wenzu taf xejn li l-kappillan ser jaghmel gita ghal Lourdes fl-okazzjoni ta' l-ewwel dehra fil-11 ta' Frar ?

"Smajt xi haga fl-avvizi tal-quddiesa ta' nhar il-Hadd."

"Ma tithajjarx  immorru mieghu. Ilna hafna ma nsiefru."

" U x'naghmel biz-ziemel? Inhallih imut bil-guh u l-ghatx? Ara li kieku tmur inti biss ma tiehux pjacir? Xi habiba tieghek cert li ssib"

"Kieku xtaq li flok il-habiba tkun inti. Pero' gia la darba inti ma tistax, naccetta li mmur minghajrek, xi trid

taghmel," qaltlu bit-tlaqliq," u meta nkun hemm nitlob ftit ghalik," kompliltlu biex tinkih.

" Mela hsibtni xi xellerat? Ara l-lejla mur u ghamel id-depozitu biex ma titlifx postok. OK?"

Mari kompliet issajjar, kuntenta li fil-bidu tas-sena d-diehla kienet ser issiefer.

3

"Aqtaghli kurzita' fil-garaxx x'inti taghmel?" staqsiet Mari'

" Anqas temmen. Qed nahdem slitta", wegibha zewgha.

"Slitta?" qaltlu Mari' mistghagba. " Mela ahna hawn Malta ghandna s-silg?"

"Qed nippreparaha ghall-Milied. Ghax il-Kummissjoni tal-Kazin tal-Banda harget bl-idea li billi lejlet il-Milied ser jahbat il-Hadd, ser torganizza programm ta' daqq ta' carols u girja bis-slitta ma' Father Christmas ghat-tfal."

"Mela ser ikollok tilbes ta' Father Christmas? U halli nghidlek, Wenz, jixraqlek tassew il-karattru ta' Father Christmas, b'dik iz-zaqq tant hoxna, " qaltu Mari' biex timbxu.

Kollox kien imhejji kif miftiehem. Il-bandisti ngabru, is-slitta u z-ziemel ta' Wenzu kien liebes il-kappa bl-isem tieghu Docli rrakmat fuqha u Wenzu liebes ta' Father Christmas u mieghu wkoll martu Mari, liebsa ta' Mother Christmas. Anqas qatt basritha Mari, li ser tippartecipa b'dak il-mod. Hdejn is-slitta kien hemm kartellun li jghid li ghalkemm il-girjiet bis-slitta kienu gratis, kien apprezzat ferm li tinghata donazzjoni, hi kemm hi, bil-kumitat tal-kazin, iwieghed li s-somma li tingabar jirduppjaha biex imbaghad l-ghada tal-Milied tkun prezentata lill-Community Chest Fund.



It-tfal kienu diga' bil-kju jistennew li jmisshom biex jirkbu fuq is-slitta u Mother Christmas tipprova izzomm l-ordni. Il-banda bdiet idoqq wara li spiccat il-quddiesa tat-tmienja u nofs u -tfal bdew jirkbu fuq is-slitta. Wenzu qafilhom minhabba is-sigurta', u tahom

ir-riedni taz-ziemel biex ghal taparsi jsuquh huma. Tahom ukoll qampiena biex idoqquha ghal matul it-triq. Imma qalilhom: " Ara kull tant tul, nieqaf biex ir-riedni johodhom haddiehor u l-qampiena tibdel l-idejn. Ftehmna? Biex hekk kulhadd ikun ha sehem." U Wenzu jiggwida z-ziemel billi jmexxih mill-irbit tal-gilda li kellu madwar ghonqu.

Kollox beda' u ntemm b'wicc il-gid. It-tfal kienu ferhana. Ghogbithom li jigru bis-slitta u kien hemm min talbu biex jitla' it-tieni darba. U Wenzu l-bniedem ta' qalbu tajba ma qalilhomx le, ghalkemm qala' saqajh miexi, tiela u niezel it-triq. Mari' dahlet fil-kazin biex tbiddel hwejjigha ghaliex sthat timxi  fit-triq liebsa ta' Mother Christmas. Wenzu, le.



4

Kif waslu d-dar, fuq it-targa tal-bieb, jilmhu tfajjel ta' madwar disa' snin, rasu midfuna fuq irkubtejh. Wenzu nizel mis-slitta u b'lehen oxhon  u mtawwal sellem lit-tfajjel, "H...e...l...l..o."  U meta it-tfajjel gholla wiccu, Wenzu

u Mari' setghu jaraw sentimenti ta' dieqa u malnutrizzjoni. “X’ghandek, ghaziz tfajjel?" staqsietu Mari'.

"Ma tatinhix xi haga x'niekol, jekk jghogbok?" qalilha t-tfajjel b'lehen li kien ghoddu ser jinfaqa' jikbi.

"Iva mela le. X'kilt ghodu?"

"Ommi tatni ftit kafe u bicca hobz biex infettitha," wegibha t-tifel.

Filwaqt li Wenzu dahal fl-istalla biex izarma liz-ziemel, Mari’ stednitu jidhol gewwa u joqghod bil-qieghda. Fi ftit minuti sahhnitlu mill-ikel li kienet hejjiet ghalihom u poggietlu platt shun quddiemu. Tkellmu bejnithom u Mari’ saret taf li missieru ma setghax imur jahdem billi kellu siequ maqtugha minhabba li kien marid biz-zokkor. Ommu kienet ta' kultant tmur issib bicca xoghol biex izzomm lill-familja milli taqa' f'faqar assolut.

Meta Wenzu dahal fil-kcina, martu Mari’ qaltlu minn taht l-ilsien waqt li t-tifel kien qed jiekol bil-qalb: “Jehtieg li nghinuhom Wenzu."

"Hekk ikun," wegibha Wenzu u talabha kikkra kafe.

"Mela ma ghandekx guh?"

"Ghalissa le. Nieklu meta nirrangaw kollox. Ara ipprepara xi affarijiet ta' l-ikel, gib mieghek dak is-serduq iffrizat minn gol- fridge u fi triqtna nixtru Cake tal-Milied ghalihom."

Waqt li kienu fit-triq lejn id-dar tat-tifel, Wenzu minghajr ma qala' ghajnejh minn fuq l-isteering tal-karozza saqsa lit-tifel: " Ghaziz tfajjel, jiena jisimni Wenzu, din hija marti Mari' u inti?"

"Jiena jisimni Stefan," wiegeb it-tfajjel u minghajr ma hallih ikompli, Wenzu dahal fin-nofs tat-tahdita u qallu, " Tassew isem sabih. Ara naqtax?" kompla Wenzu biex bi kliemu jsir aktar habib ta' Stefano, " Il-mummy tieghek semmietek hekk ghaliex inti twelidt l-ghada tal-Milied u dak il-jum tahbat il-festa ta' San Stiefnu."

"Preciz, " irrisponda Stefan, " hekk tghidli ommi."

U fi ftit minuti waslu d-dar ta' Stefan. Stefan habbat il-bieb u giet tiftah ommu. "X'inqala?" staqsieh mahsuda. "Ma ghamiltx xi wahda minn tieghek hux?," filwaqt li daret lejn it-tifel.

" Le, le," accertaha Wenzu. U ntroduca ruhu u lil martu.

"Idhlu gewwa," stednithom omm Stefan.

Dahlu lkoll gewwa u qaghdu bil-qieghda. Mari' tat daqqa t'ghajn lejn il-madwar u ghalkemm innotat li d-dar kienet wahda fqira u kwazi ghera mill-ghamara u pjuttosta umda, kienet nadifa xummiema. " Ara, " qalilha Wenzu, " ser nghidlek kollox fil-qosor ghax issa mhux hin ta' zjarat." U fi ftit kliem irrakontalha dak kollu li gara. Mari rat zewgt demghat niezlin ma haddejn omm Stefan meta tatha l-ikel li kienet gabet maghha. " Sajjar xi haga tajba ghal jum il-Milied."




U qamu biex immorru. " Ma nafx kif ser nirringrazzjakom," qalitlhom omm Stefan.

"Dmir taghna," wegibha lura Wenzu. "Aktar tard matul din il-gimgha terga' tarana."

Wenzu u Mari zammew kelmtihom. Minghand hutha gabret xi hwejjeg kwazi godda u marru jaghtuhom lill-familja ta' Stefan. U fuq kollox kellhom rigal maqful go

kaxxa ghall-birthday ta' Stefan. "Stefan mhux hawn,?" qalilha Wenzu.

"Halli nghajjatlu. Qed fuq jahsel il-kamra tieghu," wiegbet l-omm.

Hekk kif nizel Wenzu tah il-kaxxa imgezwra f'karti sbieh. " Din ghalik Stefan. Naqra tard ghax konna nafu bil-birthday tieghek kemmxejn tard."

Ghajnejn Stefan xeghlu bil-ferh. Qatt ma kien qala' rigal f'hajtu u din kienet sorpriza li qatt ma stenna. Fetah il-pakkett u fih kien hemm qalziet, jersey tas-suf u qmis.

Qatt ma basarha li omm Stefan titolbu biex ikun il-parrinu tieghu fil-jum tal-Grizma. Accetta bil-qalb. Fil-jiem qabel il-Grizma, Stefan inzerta' mar izurhom u jistaqsihom jekk ghandhomx bzonn ta' xi haga. "Le xejn," qaltlu Mari', " ghax ix-xirja ghamiltha l-bierah. Pero' nirringrazzjak xorta wahda. Stefan." U daret lejn zewgha u qaltlu, " Kemm hu tifel ta' qalb tajba."

"U halli nghidlek anke jekk tkun tridni nahsillek l-art, ninqala' ghal dax-xoghol. Toqghodx lura, ghidli."

"Nixtieq nghidilkom xi haga jekk ma jimpurtax."

“Ara x’kull wahda. Tkellem. Maghna ma ghandekx ghalfejn tisthi, Ahna inqisuk bhala wiehed minn tal-familja,” ghamillu l-kuragg Wenzu.

“Li kieku kelli nsejhilkom zijiet, tiehdu ghalikom?”

“Ghall-kuntrarju, tghollina mghola s-smewwiet,” wiegeb Wenzu. Mari’ resqet lejn Stefan haddnitu maghha u tatu bewsa fuq mohhu filwaqt li demgha tahraq nizlet ma’ haddejha u strahet fuq wicc Stefan.

“Jaqaw offendejtek,” qalilha Stefan.

“Anzi, tanti ferrahtni li ma nistax nzomm milli nikbi bil-ferh.”

Stefan sellmilhom u telaq ferhan li issa l-parrinu tieghu huwa anke z-ziju tieghu. U tant ferhu Wenzu u Mari’ li damu l-lejla kollha jithaddtu bejnithom fuq it-tjubija ta’ Stefan.

Wenzu u Mari qatt ma abbandunawhom lill-familja ta' Stefan, l-aktar wara l-mewt ta' missieru. Wenzu kien jiehu hsieb li jhallas ghal edukazzjoni ta’ Stefan biex dak li xtaq Stefan isir.

Iz-zmien jghaddi bla ma jistenna lil hadd. Stefan kiber u sar zaghzugh u ggradwa tabib. Wenzu kiber ukoll u ma felahx ghat-tahbit taz-ziemel u bieghu.

Sejjah lil Stefan u talbu jara xi jrid izomm qabel ibiegh kollox. Stefan zamm hafna ghodda li kien jahdem bihom Wenzu u li fiz-zminijiet taghna nqatghu mill-uzu ghaliex it-teknologija haditilhom posthom. Qalb l-ghodda sab djarju li Wenzu tefa' f'kaxxa u nsieh. U dak kollu li hawn imnizzel f'dak ir-rakkont, Stefan gabru minn dan id-djaru.

It-tnejn bieghu d-dar u dahlu jghixu flimkien go dar ghal l-anzjani. Stefan qatt ma abbandunhom. Darba fil-gimgha flimkien ma' ommu kien jaghmillhom zjara biex jurihom li huma jiftakru fihom bhalma Wenzu u Mari kien jahsbu fihom fil-mument tal-bzonn.